

Brussell, 7 ta' Frar 2017
(OR. en)

6023/17

PUBLIC 4
INF 13

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL -
OTTUBRU 2016

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill f'Ottubru 2016.^{1 2}

Dan jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli ta' votazzjoni, ir-risultati tal-votazzjoni u, fejn adatt, l-ispejgazzjonijiet tal-votazzjoni u d-dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux leġislattivi li l-Kunsill ikun iddeċieda li jippubblika.

¹ Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet ta' proċedura, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

² Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta jkun ġie adottat l-att leġislattiv u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu biss li ġew adottati wara li jiġu ffirmati kemm mill-President tal-Kunsill kif ukoll mill-President tal-Parlament Ewropew u mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fis-sit elettroniku tal-Kunsill:

[Sommarji ta' kull xahar tal-atti tal-Kunsill \(atti\) - Consilium](#)

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill fi: [Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium](#)

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fis-sit web tal-Kunsill: [Minuti tal-Kunsill - Consilium](#)

INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'OTTUBRU 2016

Proċedura bil-miktub konklużi fil-5 ta' Ottubru 2016

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1841 tal-5 ta' Ottubru 2016 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima ĠU L 282, 19.10.2016, p. 1-3	12256/16
Ftehim ta' Pariġi ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4-18	12256/16 ADD 1
Dikjarazzjoni mill-Unjoni skont l-Artikolu 20(3) tal-Ftehim ta' Pariġi L-Istati li ġejjin huma fil-preżent Membri tal-Unjoni Ewropea: ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika tal-Kroazja, l-Irlanda, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju tan-Netherlands, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakkja, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tal-Iżvezja, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.	

L-Unjoni Ewropea tiddikjara li, f'konformità mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 191 u 192(1) tiegħu, hija għandha l-kompetenza li tidħol għal ftehimiet internazzjonali, u li timplimenta l-obbligi li jirriżultaw minnhom, li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-għanijiet li ġejjin:

- is-salvagwardja, il-ħarsien u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent;
- il-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem;
- l-użu għaqli u razzjonali tar-riżorsi naturali;
- il-promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali sabiex jittrattaw problemi ambjentali reġjonali jew globali, u b'mod partikolari l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.

L-Unjoni Ewropea tiddikjara li l-impenn li jinsab fil-kontribut intenzjonat tagħha stabbilit fil-livell nazzjonali ppreżentat fis-6 ta' Marzu 2015 ser jintlaħaq permezz ta' azzjoni konġunta mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha skont il-kompetenzi rispettivi ta' kull wieħed minnhom.

L-Unjoni Ewropea ser tkompli tipprovdi informazzjoni, fuq bażi regolari dwar kwalunkwe modifika sostanzjali fil-grad ta' kompetenza tagħha, f'konformità mal-Artikolu 20(3) tal-Ftehim.

It-3487 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA U SAJD) li saret fil-Lussemburgu fl-10 ta' Ottubru 2016

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1818 tal-10 ta' Ottubru 2016 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/170/UE biex ir-Repubblika tal-Guinea titneħħa mil-lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat ĠU L 278, 14.10.2016, p. 46-47	11831/16
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand dwar il-kooperazzjoni u l-assistenza amministrattiva reċiproka f'materji doganali	7661/16
Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand dwar il-kooperazzjoni doganali u l-assistenza amministrattiva reċiproka f'materji doganali	7682/16
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ministerjali tal-Komunità tal-Enerġija (Sarajevo, l-14 ta' Ottubru 2016)	12991/16

Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar emendi għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tal-Enerġija	12657/16		
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 16/2016 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri "L-oġettivi tal-UE għall-edukazzjoni: il-programmi huma allinjati iżda hemm nuqqasijiet fil-kejl tal-prestazzjoni"	13103/16		
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1892 tal-10 ta' Ottubru 2016 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015 ĠU L 293, 28.10.2016, p. 2-3	11178/16		
Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ għall-Ikel, 2015 ĠU L 293, 28.10.2016, p. 4-24	11178/16		
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1873 tal-10 ta' Ottubru 2016 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim li jistabbilixxi l-Fondazzjoni Internazzjonali UE-ALK ĠU L 288, 22.10.2016, p. 1-2	11329/16		
Ftehim li jistabbilixxi l-Fondazzjoni Internazzjonali UE-ALK ĠU L 288, 22.10.2016, p. 3-11	11356/16		
It-3488 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET EKONOMIĊI U FINANZJARJI) li saret fil-Lussemburgu fil-11 ta' Ottubru 2016			
ATTI LEĠISLATIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Deċiżjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Ottubru 2016 li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016 ĠU C 378, 14.10.2016, p. 1-1	12563/16	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Astensjoni: AT, SE, UK
Dikjarazzjoni mill-Awstrija AT tappoġġa kompletament l-approċċ tal-Kummissjoni biex ittejjeb is-sigurtà fl-istituzzjonijiet tal-UE u fl-Iskejjel Ewropej. Is-somma għaldaqstant prevista ta' EUR 15.8 miljun fl-abbozz ta' baġit emendatorju 3/2016 għandha ma'dankollu tiġi ġġenerata permezz ta' trasferimenti minn setturi mhux implimentati. Għal din ir-raġuni AT tastjeni mill-votazzjoni dwar dan il-punt.			

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1837 tal-11 ta' Ottubru 2016 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja biex tkompli tapplika miżuri ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u mill-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 280, 18.10.2016, p. 28-29	12215/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar aktar miżuri biex jissaħħu t-trasparenza u l-ġlieda kontra l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa	13139/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1830 tal-11 ta' Ottubru 2016 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Prinċipat ta' Monaco li jipprevedi miżuri ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE ĠU L 280, 18.10.2016, p. 1-2	8388/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Finanzjament għall-Ġlieda kontra t-Tibdil fil-Klima	13157/16
It-3489 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (IMPJIEGI, POLITIKA SOĊJALI, SAĦĦA U AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR - KWISTJONIJIET TAL-IMPJIEGI U L-POLITIKA SOĊJALI) li saret fil-Lussemburgu fit-13 ta' Ottubru 2016	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1838 tat-13 ta' Ottubru 2016 dwar linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri għall-2016 ĠU L 280, 18.10.2016, p. 30-31	12163/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1859 tat-13 ta' Ottubru 2016 dwar Summit Soċjali Tripartitiku għat-Tkabbir u l-Impjiegi u li tħassar id-Deċiżjoni 2003/174/KE ĠU L 284, 20.10.2016, p. 27-30	5820/14

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru.14/2016 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat “Inizjattivi ta’ politika u appoġġ finanzjarju tal-UE għall-integrazzjoni tar-Rom: sar progress sinifikanti fl-aħħar għaxar snin, iżda sforzi addizzjonali huma meħtieġa fil-prattika”		13226/16	
It-3490 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA U AFFARIJIET INTERNI- KWISTJONIJIET TA' AFFARIJIET INTERNI) li saret fil-Lussemburgu fit-13 ta' Ottubru 2016			
ATTI LEĠISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) 2016/1952 tas-26 ta’ Ottubru 2016 dwar l-istatistika Ewropea tal-prezzijiet tal-gass naturali u tal-elettriku li jħassar id-Direttiva 2008/92/KE (Test b’relevanza għaż-ŻEE) ĠU L 311, 17.11.2016, p. 1-12	28/16	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Astensjoni: AT
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) 2016/1953 tas-26 ta’ Ottubru 2016 dwar l-istabbiliment ta' dokument tal-ivvjaġġar Ewropew għar-ritorn ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, u li jħassar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta’ Novembru 1994 ĠU L 311, 17.11.2016, p. 13-19	30/16	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Ma jipparteċipawx: DK, IE, UK
Dikjarazzjoni minn Franza			
Franza tilqa’ b’mod pożittiv l-oġettiv ta’ armonizzazzjoni u tas-salvagwardja legali tad-dokument tal-ivvjaġġar Ewropew għar-ritorn ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment. Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 4 tar-Regolament, Franza tieħu nota tal-assigurazzjoni li ngħatatilha mill-Kummissjoni li tkun tista’tkompli tibgħat l-informazzjoni individwali u l-firma u t-timbru tal-awtorità kompetenti b'mod elettroniku lill-awtoritajiet responsabbli mill-implimentazzjoni tal-miżuri ta’ ritorn, biex jiġu stampati lokalment fuq il-paġni vojta f'konformità mal-ispeċifiċitajiet tekniċi ġodda ta’ sigurtà.			
Direttiva (UE) 2016/1919 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar għajnuna legali għal persuni suspettati u akkużati fi proċedimenti kriminali u għal persuni rikjesti fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew ĠU L 297, 4.11.2016, p. 1-8	33/16	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Kontra: PL Ma jipparteċipawx: DK, IE, UK

Dikjarazzjoni mill-Polonja

Il-Polonja ma tappoġġax l-hekk imsejjaħ "kompromess" imressaq għall-adozzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill fit-13 ta' Ottubru 2016. Aħna nħossu li kompromess xieraq li jqis l-interessi kemm tal-Istati Membri kif ukoll tal-persuni ssuspettati u akkużati ġie espress fit-test tal-approċċ ġenerali adottat mill-Kunsill fi Frar 2015. L-abbozz attwali huwa fil-verità konċessjoni mhux ġustifikata lill-Parlament Ewropew u huwa magħmul minnu mingħajr ma tqiesu l-impatt globali ta' dan id-dokument u l-konsistenza interna tiegħu. Il-Polonja ma tistax tappoġġa b'mod partikolari l-estensjoni tal-abbozz ta' Direttiva lil hinn mill-ambitu oriġinali tagħha ta' għajjnuna legali temporanja, l-esklużjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi relatati ma' reati anqas serji u l-obbligu li tingħata għajjnuna legali fl-istat li joħroġ MAE.

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar serq mid-djar organizzat	13268/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI - Evalwazzjoni tad-Danimarka rigward l-iskambju awtomatizzat ta' data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi (VRD)	13269/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI - Evalwazzjoni tal-Greċja rigward l-iskambju awtomatizzat ta' data dwar id-DNA	13270/16
Risoluzzjoni tal-Kunsill dwar manwal aġġornat b'rakkomandazzjonijiet għall-kooperazzjoni internazzjonali bejn il-pulizija u miżuri għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' vjolenza u inkwiet marbuta ma' partiti tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali, fejn ikun involut tal-anqas Stat Membru wieħed ('Manwal tal-UE dwar il-Futbol') ĠU C 444, 29.11.2016, p. 1-36	12795/16
Risoluzzjoni tal-Kunsill dwar manwal b'rakkomandazzjonijiet għall-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' vjolenza u diżordnijiet b'rabta ma' loġġbjet tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali, fejn ikun involut tal-anqas Stat Membru wieħed, permezz tal-adozzjoni ta' prattiki tajba fir-rigward tal-kollegament tal-pulizija mal-partitarji	12792/16

Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-ispejjeż biex jiġu ospitati u skjerati delegazzjonijiet ta' pulizija viżitaturi b'rabta mal-partiti tal-futbol (u avvenimenti sportivi oħra) b'dimensjoni internazzjonali, li fihom ikun involut tal-anqas Stat Membru wieħed	12791/16
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2015 tan-Netherlands dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-protezzjoni tad-data	12608/16
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Rakkomandazzjoni dwar kif għandhom jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2015 tal-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija min-Netherlands	12610/16
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2015 dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen mil-Liechtenstein	12613/16
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Rakkomandazzjoni dwar kif għandhom jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2016 tal-Lussemburgu rigward l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni	12615/16
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2016 tal-Lussemburgu dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viżi	12617/16
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Rakkomandazzjoni dwar kif għandhom jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2015 tal-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tan-nuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri mal-fruntieri interni mill-Iżvizzera	12620/16
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2016 mid-Danimarka dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntiera esterna (L-Ajruport ta' Kastrup ta' Copenhagen)	12625/16

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2015 dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija min-naħa tal-Liechtenstein	12627/16		
Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill li tapprova l-konklużjoni mill-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) tal-Ftehim dwar Kooperazzjoni Strateġika bejn il-Ministeru tas-Sigurtà Pubblika tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u l-Europol	8364/16		
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1876 tat-13 ta' Ottubru 2016 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, fuq l-oħra ĠU L 288, 22.10.2016, p. 16-48	12031/16		
Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f’isem l-Unjoni Ewropea fir-rigward ta’ ċerti riżoluzzjonijiet li għandu jittieħed vot dwarhom fil-qafas tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (OIV)	13041/16		
It-3491 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AMBJENT) li saret fil-Lussemburgu fis-17 ta’ Ottubru 2016			
ATTI LEĠISLATIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta’ Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 1192/69 tal-Kunsill dwar regoli komuni għan-normalizzazzjoni tal-kontijiet ta' intrapriżi tal-ferrovija	11197/16 11197/16 ADD 1	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta’ Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1370/2007 fir-rigward tal-ftuħ tas-suq għas-servizzi tat-trasport domestiku tal-passiġġieri bil-ferrovija	11198/16 11198/16 ADD 1	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

Dikjarazzjoni mill-Ġermanja

Il-Ġermanja tilqa' l-qbil li ntlaħaq dwar il-proposta għal emenda għar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq. Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet soċjali li jinsabu fir-Regolament imsemmi hawn fuq (ara l-premessi 16 u 17 tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 u l-Artikoli 4(5) u (6) fil-verżjoni attwali u fil-verżjoni emendata bil-proposta inkluż il-premessa l-ġdida), il-Ġermanja temmen li fil-ġejjieni, wara li r-Regolament jiġi emendat, l-Istati Membri, – kif kien il-każ sa issa taħt il-liġi eżistenti – ser ikunu liberi li jadottaw regoli aktar estensivi taħt il-liġi nazzjonali biex jagħtu dimensjoni lill-istandards Ewropej. Dan ikopri wkoll b'mod espliċitu d-dritt li fil-liġi nazzjonali jsiru aktar regoli vinkolanti milli fir-Regolament li jirregola t-trasferiment ta' persunal f'każ li jinbidel l-operatur. Il-Ġermanja temmen li l-opinjoni legali tagħha hija konfermata mill-kummenti magħmula mill-Kummissjoni Ewropea u l-Presidenza (pereżempju, fl-2581 laqgħa tal-Coreper, Parti 1, fit-13 ta' April 2016).

Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ksieb li tiġi adottata Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2012/34/UE fir-rigward tal-ftuħ tas-suq tas-servizzi tat-trasport domestiku tal-passiġġieri bil-ferrovija u l-governanza tal-infrastruttura ferrovjarja

11199/16
11199/16 ADD 1

Maġġoranza
kwalifikata

L-Istati Membri kollha
favur

Dikjarazzjoni mill-Ġermanja

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tapprova l-kompromessi dwar il-pilastru politiku tar-Raba' Pakkett Ferrovjarju, li jkomplu jippermettu l-eżistenza ta' sistemi integrati, filwaqt li fl-istess ħin jipprevedu regolazzjoni b'saħħitha u effettiva u trasparenza ta' flussi finanzjarji.

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tqis li huwa importanti li jiġi nnotat li l-Artikolu 7d jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-kontroll ta' trasferimenti finanzjarji - pereżempju - għall-ħlas ta' dividendi u self u li l-premessa 17 ma tintroduċi l-ebda regola addizzjonali.

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tkompli tinterpreta l-Artikolu 7d u l-premessa 18 fis-sens li huwa possibbli li l-maniġers tal-infrastruttura jħallu dħul u dividendi direttament jew permezz ta' entità legali oħra fi ħdan l-impriża, lis-sid. It-terminu 'sid tal-impriża', li lilu għandu jiġi ttrasferit id-dħul, skont l-Artikolu 7d, għandu jinftehem bħala li jinkludi mhux biss l-Istat bħala s-sid dirett tal-impriża tal-infrastruttura, iżda wkoll l-Istat bħala s-sid aħħari.

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1877 tas-17 ta' Ottubru 2016 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fil-Grupp ta' Esperti dwar il-Ftehim Ewropew dwar il-ħidma ta' ekwipaġġi ta' vetturi involuti fit-trasport internazzjonali bit-triq (AETR), u fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport bit-Triq, tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (Test b'relevanza għaż-ŻEE) ĠU L 288, 22.10.2016, p. 49-55	12042/16
Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2077 tas-17 ta' Ottubru 2016 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) matul is-70 sessjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u fis-97 sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima, dwar l-adozzjoni ta' emendi għall-Anness VI tal-MARPOL, ir-Regolamenti SOLAS II-1, ir-Regolamenti SOLAS III/1.4, III/30 u III/37, ir-Regolamenti SOLAS II-2/1 u II-2/10, ir-Regolament SOLAS II-1/3-12, il-Konvenzjoni u l-Kodiċi tal-STCW, il-Kodiċi tas-Sistemi ta' Sikurezza kontra n-Nirien u l-Kodiċi tal-Programm Imtejjeb ta' Stħarriġ tal-2011 ĠU L 320, 26.11.2016, p. 36-39	12241/16
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Sa fejn l-emendi rilevanti fir-Regolamenti SOLAS II-1/1, II-1/2, II-1/3, II-1/4, II-1/5, II-1/6, II-1/7, II-1/8-1, II-1/9, II-1/10, II-1/12, II-1/13, 15 – 17, 19, 21, 22 u 35, ir-Regolamenti SOLAS II-2/1 u II-2/10 u l-Kapitolu 13 tal-kodiċi FSS huma kkonċernati, l-adozzjoni tagħhom fl-IMO tolqot il-leġislazzjoni eżistenti tal-Unjoni. Għalhekk, dawn l-emendi jaqgħu fil-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni. Konsegwentement, il-pożizzjoni tal-Unjoni stabbilita fir-rigward ta' dawk l-emendi ma tistax tkun limitata fl-ambitu u għalhekk għandha tiġi interpretata li tkoprihom kollha kemm huma, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2(2) TFUE.	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ġestjoni Sostenibbli tal-Ilma	13342/16

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB)	13398/16
a) Tħejjija tat-13-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet (COP 13) għall-KDB (Cancun, il-Messiku, mill-4 sas-17 ta' Diċembru 2016)	
b) Tħejjija tat-8 laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-KDB li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kartaġena dwar il-Bijosikurezza (COP-MOP 8) (Cancun, il-Messiku, mill-4 sas-17 ta' Diċembru 2016)	
c) Tħejjija tat-tieni laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-KDB li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Nagoya dwar l-Aċċess u l-Qsim ta' Benefiċċji (COPMOP 2) (Cancun, il-Messiku, mill-4 sas-17 ta' Diċembru 2016)	
It-3492 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET BARRANIN) li saret fil-Lussemburgu fis-17 ta' Ottubru 2016	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1839 tas-17 ta' Ottubru 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2010/638/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Guinea ĠU L 280, 18.10.2016, p. 32-32	12443/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Bożnija-Herzegovina	13217/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo	12945/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2310 tas-17 ta' Ottubru 2016 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tal-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Ġordan, inkluż il-Patt ĠU L 345, 20.12.2016, p. 50-52	12431/16

Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2131 tas-17 ta' Ottubru 2016 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Libanu, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tal-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Libanu, inkluż il-Patt ĠU L 331, 6.12.2016, p. 6-8	12433/16		
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea	13202/16		
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tuneżija	13056/16		
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sirja	13193/16		
It-3494 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI) li saret fil-Lussemburgu fit-18 ta' Ottubru 2016			
ATTI LEĠISLATIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Pożizzjoni (UE) Nru 21/2016 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi kondizzjonijiet speċifiċi għas-sajd tal-istokkijiet tal-baħar fond fl-Atlantiku tal-Grigal u dispożizzjonijiet għas-sajd fl-ilmijiet internazzjonali tal-Atlantiku tal-Grigal u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2347/2002 adottat mill-Kunsill fit-18 ta' Ottubru 2016 ĠU C 433, 23.11.2016, p. 1-18	11625/16 11625/16 ADD 1	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Kontra: ES
Dikjarazzjoni minn Spanja Il-proposta għal aċċess għall-ispeċi tal-baħar fond hija ta' interess kbir għar-Renju ta' Spanja, li segwiha b'attenzjoni speċjali fi snin reċenti u li huwa impenjat bis-sħiħ għaliha, tant li ser jaċċetta kompromessi bil-fini li jintlaħaq qbil bilanċjat li jissodisfa lill-partijiet kollha, bħal-limitazzjoni tal-attività tas-sajd bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ 'l isfel minn 800 metru fl-ilmijiet tal-Unjoni Ewropea u sistema proprja ta' sanzjonijiet u ta' ġbir ta' data, kif ukoll sistema ta' awtorizzazzjoni li ser twassal għal ammont ta' xogħol amministrattiv sproporzjonat.			

Spanja kienet flessibbli, u anke aċċettat, kif indikat, sistemi ta' ġestjoni żejda, iżda wasalna f'sitwazzjoni fir-rigward tal-kopertura tal-osservaturi, li Spanja ma tistax taqbel magħha, billi l-impatt li jinvolvi dan il-kompromess ser jikkawża problemi f'termini ta' sigurtà, spejjeż ekonomiċi u l-operabbiltà tal-flotta, billi hija qed tiġi prevista 20% ta' kopertura ta' osservaturi għal sajd dirett, li mhux kopert mill-mandat li l-Kunsill ta lill-Presidenza, li kien 15%.

M'hemm l-ebda dubju dwar l-impenn tar-Renju ta' Spanja għall-protezzjoni ta' ekosistemi marini vulnerabbli. Spanja ilha snin taħdem fuq il-kartografija ta' qiegħ il-baħar sabiex, fost oħrajn, tinkiseb protezzjoni aħjar u akbar għall-ekosistemi u l-ambjent. L-investment uman u materjali li sar kien enormi, iżda dejjem tqies bħala investment għas-sostenibbiltà. Madankollu, dan il-kompromess għandu spejjeż sproporzjonati, mhuwiex konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità u l-valur miżjud tiegħu mhuwiex ċar.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, ir-Renju ta' Spanja qed jivvota kontra din il-proposta.

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1885 tat-18 ta' Ottubru 2016 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 rigward il-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskeda tar-Repubblika tal-Kroazja fil-kuntest tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea ĠU L 291, 26.10.2016, p. 7-8	15561/15
Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 rigward il-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskeda tar-Repubblika tal-Kroazja fil-kuntest tal-adeżjoni tagħha fl-Unjoni Ewropea ĠU L 291, 26.10.2016, p. 9-12	15562/15
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1884 tat-18 ta' Ottubru 2016 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 rigward il-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskeda tar-Repubblika tal-Kroazja fil-kuntest tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea ĠU L 291, 26.10.2016, p. 1-2	6870/16

Ftehim fil-Forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 rigward il-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskeda tar-Repubblika tal-Kroazja fil-kuntest tal-adeżjoni tagħha fl-Unjoni Ewropea ĠU L 291, 26.10.2016, p. 3-6		6871/16	
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1883 tat-18 ta' Ottubru 2016 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar it-talba tal-Istati Uniti għal eżenzjoni tad-WTO biex tippermetti lill-Istati Uniti jipprovdu trattament preferenzjali lil prodotti eliġibbli li joriġinaw min-Nepal ĠU L 289, 25.10.2016, p. 20-20		12560/16	
Adozzjoni ta' atti leġislattivi wara t-Tieni Qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mill-24 sas-27ta' Ottubru 2016)			
ATTI LEĠISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Direttiva (UE) 2016/2102 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku (Test b'relevanza għaż-ŻEE) ĠU L 327, 2.12.2016, p. 1-15	38/16 (13683/16)	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4-104	40/16 (13691/16)	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli

Regolament (UE) 1016/1954 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1365/2006 dwar statistika ta' trasport ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni fir-rigward tal-ġhoti ta' setgħat delegati u ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni għall-adozzjoni ta' ċerti miżuri ĠU L 311, 17.11.2016, p. 20-24	42/16 (13690/16)	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
Regolament (UE) 2016/2032 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 91/2003 dwar l-istatistika tat-trasport bil-ferrovija, fir-rigward tal-ġbir tal-informazzjoni dwar merkanzija, passiġġieri u inċidenti ĠU L 317, 23.11.2016, p. 105-111	43/16 (13685/16)	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
Proċeduri bil-miktub konklużi fis-27 ta' Ottubru 2016			
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI			
ATT		DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET	
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1897 tas-27 ta' Ottubru 2016 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja ĠU L 293, 28.10.2016, p. 36-38		13350/16	
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1893 tas-27 ta' Ottubru 2016 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja ĠU L 293, 28.10.2016, p. 25-27		13351/16	
Proċeduri bil-miktub konklużi fit-28 ta' Ottubru 2016			
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI			
ATT		DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET	
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1909 tat-28 ta' Ottubru 2016 dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inkluż it-tielet ħlas parzjali għall-2016 ĠU L 295, 29.10.2016, p. 79-81		13166/16	

Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1908 tat-28 ta' Ottubru 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2010/573/PESK li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra t-tmexxija tar-reġjun Transnistrijan tar-Repubblika tal-Moldova ĠU L 295, 29.10.2016, p. 78-78	12750/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/37 tat-28 ta' Ottubru 2016 dwar l-iffirmar f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn-naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra ĠU L 11, 14.1.2017, p. 1-2	10972/16
Strument Interpretattiv Konġunt dwar il-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ĠU L 11, 14.1.2017, p. 3-8	13541/16
Dikjarazzjonijiet li għandhom jiddaħħlu fil-minuti tal-Kunsill ĠU L 11, 14.1.2017, p. 9-22	13463/16
Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn-naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra ĠU L 11, 14.1.2017, p. 23-1079	10973/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/38 tat-28 ta' Ottubru 2016 dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn-naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra ĠU L 11, 14.1.2017, p. 1080-1081	10974/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2118 tat-28 ta' Ottubru 2016 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Kanada, min-naħa l-oħra ĠU L 329, 3.12.2016, p. 43-44	5367/16
Ftehim ta' Sħubija Strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn-naħa waħda, u l-Kanada, min-naħa l-oħra ĠU L 329, 3.12.2016, p. 45-65	5368/16

Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/1903 tat-28 ta' Ottubru 2016 li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2017 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/72 ĠU L 295, 29.10.2016, p. 1-10	13196/16
Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni u l-Ġermanja dwar l-għażla ta' appoġġ għall-waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd permezz tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) 1. Il-punt (b) tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz, l-aringi u l-laċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet jippermetti lill-Istati Membri li jadottaw miżuri ta' emerġenza f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd. 2. Skont il-valutazzjoni tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES), l-istokk tal-merluzz fil-Punent tal-Baħar Baltiku huwa fi stat kritiku ħafna. Il-bijomassa tal-istokk riproduttiv tal-merluzz hija inqas mil-livell limitu tal-bijomassa tal-istokk riproduttiv stipulat fil-kolonna B tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 2016/1139. Jenħtieġ b'mod urġenti li jiġu adottati miżuri korrettivi sabiex jintlaħaq livell oġġla mill-punt minimu ta' referenza. 3. Il-Ġermanja għalhekk tqis li jenħtieġ li jiġu adottati miżuri ta' emerġenza f'konformità mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament 1380/2013. Il-miżuri ta' emerġenza jikkonsistu minn limitazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd bi 30 jum addizzjonali għall-bastimenti tas-sajd Ġermaniżi li jistadu għall-merluzz fis-Suddiviżjonijiet 22-24 skont kif ġej: it-30 jum fil-forma ta' tliet blokko ta' għaxart ijiem li s-sajjieda jistgħu jiddeterminaw b'mod indipendenti fil-perijodi tas-sajd mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Jannar u mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2017. 4. Il-Kummissjoni tilqa' d-deċiżjoni tal-Ġermanja li timplimenta din il-miżura ta' emerġenza. 5. Il-Ġermanja tqis li din il-miżura ta' emerġenza skont il-punt (a) tal-Artikolu 33(1) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003 hija eliġibbli għal finanzjament mill-FEMS.	

Dikjarazzjoni mill-Polonja

It-test ta' kompromess kif adottat, li għandu l-għan li jiżgura approċċ bilanċjat u li jipproteġi l-istokkijiet fil-Baħar Baltiku, ser jirrikjedi ħafna saġrifċċji u jpoġġi piż kbir fuq l-industrija tas-sajd.

Għalhekk il-Polonja hija tal-opinjoni li l-Fond Ewropew għas-Sajd għandu jagħti protezzjoni speċjali lis-sajd kostali, li għandu impatt baxx fuq l-ambjent, u li jagħti kontribut essenzzjali għall-preservazzjoni tal-wirt kulturali tar-reġjun tal-Baħar Baltiku.

Il-Polonja tixtieq issemmi b'mod espliċitu l-ħtieġa li l-programm operazzjonali jiġi adattat b'tali mod li jipprovdi lis-sajjieda opportunitajiet addizzjonali għall-konservazzjoni tar-riżorsi fil-Baħar Baltiku.

Barra minn hekk, il-Polonja titlob kontroll speċjali tas-sajd fil-Baħar Baltiku b'mod partikolari fir-rigward tas-sajd industrijali, li għandu impatt negattiv sinifikanti fuq l-istokkijiet tal-merluzz.

Il-Polonja tixtieq ukoll tteġġeg lill-Presidenza tal-forum BALTFISH biex tieħu azzjoni immedjata u deċiżiva biex tintroduċi perijodi ta' rkupru bijoloġiku kemm għall-istokkijiet tal-merluzz kif ukoll għall-ispeċijiet pelaġiċi fil-Baħar Baltiku.

Dikjarazzjoni mill-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja**dwar il-merluzz tal-Baltiku**

L-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja huma tal-fehma li l-ftehim politiku dwar l-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku għall-2017 huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe diskussjoni futura dwar id-distribuzzjoni tal-istokkijiet u l-allokazzjoni ta' possibiltajiet ta' sajd bejn iż-żoni. L-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja jissottolinjaw l-importanza li tinżamm stabbiltà relattiva.